10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 21 (kontinwazzjoni)**

**9 ta' Ġunju 2025**

Il-laqgħa numru 21 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar is-16 ta' Ġunju 2025 fil-19.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**2.1 Korrezzjonijiet**

Joe saqsa hekk fir-reception għal għaqdiet fi żmien il-festa, kienux ser ikunu mistiedna, l-kunsilliera, l-istaff u l-partners. Is-Sindku wieġeb li iva u magħhom xtaq iżid il-community police, Sup Pulizija.

**6. Byelaw Latrini Pubbliċi**

Is-sindku qal li xtaq jinforma li latrini pubbliċi ġew magħluqa minħabba vandaliżmu li sar fiha għalhekk din kienet ser tingħalaq sakemm ikollna l-eżitu tal-iskema u jinbdew fiha ix-xogħolijiet. Hu qal ukoll li qed jippreżenta din il-byelaw sabiex meta tibda titħaddem is-sistema l-ġdida kemm fil-latrini l-ġodda tal-ġnien Romeo Romano kif ukoll f'dawn ta' Triq il-Kbira San Gużepp, kien ikun hemm il-qafas legali sabiex jibdew ikunu sostenibbli waħedhom.

Fuq dan kien hemm qbil minn kulħadd.

**7. Byelaw Attivitajiet fil-ġnien**

Din l-item inqabżet peress li sa dan it-tant kienet saret laqgħa informali mas-Sa Marisa Pisani li spjegat il-proċess tad-devoluzzjoni.

## 8. Traffic Management Pjazza ta' Triq il-Parroċċa

Is-Sindku preżenta pjanta ta' kif qiegħed jgħaddi t-traffiku illum minn Triq il-Parroċċa u qal li min idur mal-bandli sabiex isib parkeġġ ma setgħax imur lura u jkollu jieħu dawra sabiex jgħaddi għal Triq il-Brunżar. Hu kien qed jissuġġerixxi li din iddur sabiex it-triq tiġi circular. Fuq dan kien hemm qbil li jiġu infurmati r-residenti li hemm fil-parti tat-triq li trid iddur, u wara jiġu infurmati TM.

## 9. Ibins

Is-Sindku qal li Karl xtaq jitkellem fuq l-Ibins u għalhekk stieden il-Karl sabiex jgħamel il-kummenti tiegħu. Karl qal li l-issue tal-ibins ma kinetx li iċċaqalqu minn Triq Dun Xand Cortis imma fejn iċċaqalqu ma kienx posthom għax din binja li fiha jidħlu ħafna nies għal konferenzi u għalhekk ma jistgħux jiċċaqalqu minn post għax kien hemm problema u jinħoloq inkovenjent f'post ieħor. Karl qal ukoll li kantuniera l-bogħod greenpak kellhom set ieħor ta ibins u għalhekk ma jistax jifhem kif Greenpak aċċettaw. Joe qal li fit-8 ta' Marzu ġie deċiż mill-kunsill li jintbgħatu l-green wardens fi Triq Dun Xand Cortis. Is-Sindku wieġeb li marru u ingħataw ukoll xi warnings u ċitazzjonijiet. Kif in-nies indunaw li kien hemm il-green wardens, in-nies bdew jitfgħu f'postijiet oħra fosthom Triq San Gorg. Għalhekk l-eco wardens intalbu jduru wkoll dawn l-akwati u Triq Il-Kanun.

Steve qal li ilu ftit, kienet ittieħdet deċiżjoni li jitpoġġew l-Ibins minħabba li bil-liġi jrid ikollok ċertu ammont ta' Ibins għal ammont ta' residenti. Dak iż-żmien kien hemm qbil li jsiru Triq Dun Xand Cortis, Triq Pietru Dacutros u Triq il-Kanun. Kien qed ikun hemm ħafna tgergir speċjalment minħabba l-ħġieġ. Hu ma taqbilx li dawn ġew rilokati fejn kien hemm diġà. Is-Sindku wieġeb li ġew identifikati siti oħra imma l-greenpak m'aċċettatx . Greenpak talbu xi suġġerimenti f'Jannar u wara bagħatu li ma jaqblux maż-żoni ħlief fejn ġew imma aktar l-isfel. Meta ġew biex ipoġġuhom saru aktar il-fuq. Illum Greenpak qalu li jistgħu isiru f'post ieħor. Steve issuġġerixxa li jsiru Triq il-ħarrub. Is-Sindku qal li dak kien wieħed mis-siti li ma

aċċettawx il-Greenpak minħabba l-vandaliżmu. Għalhekk ġie issuġġerit li jsiru cameras u iktar dawl. Fuq dan kien hemm qbil.

**10. Arma Kunsill Lokali Tfal**

Is-Sindku preżenta l-arma tal-Kunsill Lokali tat-tfal u saqsa lil-Darren iffissira. Darren qal li din għamluha tfal stess, l-aħmar hu il-martri, l-isfar u l-blue huma sinonimi mar-raħal, użaw ukoll l-akwedott kif ukoll il-funtana tal-ġnien.

Din l-arma ġiet approvata minn kulħadd.

**11. Ilmenti mill-Kunsilliera**

1. Triq Abela inqala l-bin għax kien qed ikun hemm ħafna ilmenti mir-residenti tal-akwata.

1b. Biex jinbidel

1c. Silvio qal li fi triq il-kanun ma triq kanonku bonniċi kienu qed jidħlu bil-kontra. Is-Sindku qal li diġà twaħħlu tabelli.

2. din saret

3 Din saret

4 TM infurmati

5 Tneħħiet diġà

6 Għada ma saritx għax TM kienu qalulna li m'għadx hemm bżonn. Ser issir l-Ubar quddiem in-numru 406

7 Ser inkellmu l kumpanija Tessera biex ineħħih

8 Girlguides talbu fondi għal 12 ta' Lulju. Dawn ġew approvati

9 Ok

10 Ser jintbagħat Charlie

11 Joe qal li żebra crossing fi Triq il-kanun setgħet ġiet aktar il-fuq. In-nies jaqsmu aktar il-fuq. Is-Sindku qal li fejn indika Joe kienet perikoluża ħabba r-roundabout

12 Tabella fi Triq Pietru D'Acoutross ser ti[i rranġata

13 Triq San Ġorġ u Triq Reġjonali – except for garage owners u except for containers. Stephen qal li l-kunsill kien oġġezzjoni għat-tabelli li kienu għamlu TM. Is-Sindku qal li sar ftehim ma Tescoma u l-containers tagħhom qed jibqa' Regional Road. Karl qal li kien hemm soluzzjoni oħra dik li jitneħħa l-parkeġġ [hekk hemm post fejn jiżdied ieħor]. Għaldaqstant kien hemm qbil li jitneħħew it-tabelli u jitneħħa l-parkeġġ.

14 Is-Sindku informa ukoll li l-ispider lift li ġie ordnat ma kienx għoli biż-żejjed u għalhekk kellu jinbidel. Ser ikun hemm bidla ukoll fil-prezz.

**12 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.00hrs u laqgħa li jmiss ser issir fis-7 ta' Lulju fil -1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

Gianluca Falzon
Sindku

Tiffany Abela
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, 7 ta' Lulju